# L-ILSIERA FI ŻMIEN L-ORDNI F'MALTA (1)



JOSEPH SERRACINO



Fost il-beżgħat kbar li qiegħda tiffaċċja l-umanità fiż-żmienna huma l-inċertezza dwar il-futur tagħha u l-qtigħ il-qalb li jikkawżaw ċerti konflitti militari u d-diżastri naturali li jseħħu f'daqqa waħda bla ħadd ikun qiegħed jistenniehom, li jħassbu bis-sħiħ lill-bniedem.

Fil-fatt, l-umanità qiegħda tħossha kontinwament mhedda mit-terroriżmu tal-ISIS – l-Istat Iżlamiku li qiegħed jespandi b'mod allarmanti fil-pajjiżi tal-Lvant Imbiegħed (Iraq/Sirja) kif ukoll f'dawk tal-Afrika ta' Fuq (Libja), il-biża' ta' xi gwerra nukleari minħabba l-involviment tal-pajjiżi l-kbar f'dawn il-konflitti militari u l-katastrofi li ġġib magħha, mid-diżastri naturali bħal terremoti kbar jew xi tsunami ieħor fuq skala akbar minn dak li sar ftit tas-snin ilu, mill-mard fatali, bħalma hi l-AIDS, li qed jeqred miljuni ta' persuni madwar id-dinja l-aktar fl-Afrika u fl-Asja u l-ġuħ u l-faqar kbir li qed jidher u jinħass f'bosta pajjiżi l-aktar fl-Afrika, u minn bosta diżastri ambjentali li jistgħu jeqirdu l-ħajja tal-bniedem.

Dawn il-biżgħat qegħdin inisslu fil-bniedem tensjoni kbira u jagħmlulu ħajtu infern!

B'danakollu għalkemm dawn il-flaġelli kollha, biex insejħulhom hekk, minn dejjem kienu magħna u dejjem ħolqu kaos kbir fost il-popli milqutin, gwerra nukleari hi deskritta mix-xjenzjati bħala l-akbar katastrofi li tolqot direttament lill-bniedem għax mhux biss teqred terz mill-umanitá dinjija iżda ġġib magħha katastrofi ambjentali kbir li tieħu mijiet ta' snin biex id-dinja tirkupra minnha.

B'danakollu, waqt li l-mexxejja ta' żmienna huma konxji ħafna dwar kull deċiżjoni li jieħdu, u kull deċiżjoni jippruvaw isolvu t-tilwim serju bi djalogu madwar mejda, sfortunatament għadna ngħixu f'dinja fejn il-gwerer u konflitti militari għadhom isiru madwar id-dinja kollha. Biżżejjed li niftakru fl-invażjoni tal-Iraq, il-Libja u fiż-żmienna s-Sirja, biex ma nsemmux konflitti fuq skala iżgħar f'pajjiżi oħra, kif ukoll il-konflitt imdemmi bejn l-Iżraeliti u l-Palestinjani li ilu sejjer għal dawn l-aħħar 70 sena.

Jekk wieħed iqalleb l-istorja tad-dinja għandu jsib li taqtigħat imdemmijin bejn razez differenti ilhom isiru eluf ta' snin, u meta dawn ir-razez maż-żmien għarfu li l-għeruq u wild tal-istess razza ngħaqdu flimkien u bdew jeħduha kontra tribujiet oħrajn aktar dgħajfin minnhom u saru sidien tagħhom u hawnhekk twieled l-iskjavitù.

Ħafna jsostnu li fuq dan il-mudell, tul iż-żmien, ġew iffurmati ġnus differenti, inħolqu mijiet ta' saltniet u beda jinħoloq id-diżgwid. Minħabba hekk beda jinqala' l-ġlied bejniethom u dawk l-aktar qawwija ħakmu lid-dgħajfin, kabbru t-territorju tagħhom u lil pajjiżhom għamluh setgħani u ċentru ta' ċiviltà ġdida. Sintendi, kemm fl-imgħoddi u fi żmienna, kull gwerra għandha żewġ uċuħ, ferħ għar-rebbieħ u miżerja u ġuħ għat-tellief, iżda fl-imgħoddi mhux imbiegħed ħafna, it-tellief kien ibati wkoll mill-jasar.

Iżda ejjew ninsew il-biża' tal-gwerer qerrieda ta' żmienna u ngħaddu għas-suġġett tagħna billi nidħlu fl-istorja (medjuevu) meta kull tilwima li kienet tinqala' bejn is-slaten kienet tiġi solvuta f'taqtigħat qliel u ħorox fuq l-art, u dawk il-potenzi li kellhom il-flotot tagħhom iġġieldu battalji kbar fuq il-baħar, l-aktar fil-baħar Mediterran.

Dan seħħ ukoll bejn l-Insara Ewropej u dawk Misilmin tal-Afrika ta' Fuq li kienu alleati tal-Imperu Tork, li mal-medda taż-żmien tnisslet rivalità kbira bejniethom u f'qalbhom is-sawret mibegħda kbira u nibtet il-ħalfa li jeqirdu lil xulxin.

U din ir-rivalità eterna taħt il-kappa ta' twemmin fundamentalista sfrenat żvolġiet ruħha f'battalji, assedji u taqtigħat imdemmijin fuq l-art u l-baħar, fejn għal sekli sħaħ, ir-rebbieħ bla skupli ta' xejn kien jeqred dak kollu li jsib quddiemu u jkaxkar miegħu fil-jasar lil dawk kollha li kienu jaqgħu taħt idejh (l-aktar żgħażagħ u rġiel) biex ibigħhom bħala lsiera f'pajjiżu u fil-pajjiżi alleati tiegħu.

Hekk kienet il-ħajja f'dawk iż-żminijiet! Familji sħaħ, kbar u żgħar kienu jaqgħu lsiera ta' ħakkiema kefrin li kienu jħaddmuhom fl-oqsma tagħhom għall-ħinijiet twal taħt id-daqqiet tal-frosta. U allaħares xi lsir jipprova jaħrab għax kien iħallas b'ħajtu! B'danakollu, għalkemm ilsir kien magħdud aktar bħala animal milli bħala bniedem, insibu, li f'ċerti pajjiżi, l-ilsir mhux biss kellu kondizzjonijiet aħjar iżda sa ċertu punt imħares ukoll mil-liġi. Iżda f'bosta pajjiżi oħrajn fejn il-liġijiet ma kinux jeżistu, ħajjet l-ilsir kienet tiddependi fuq il-burdati tal-ħakkiema li kienu jiggvernaw, u l-karattru ta' sidhom.

U f'dan il-kwadru ta' jasar kiefer mimli tbatijiet u sofferenzi kbar li kienu jġarrbu dawn l-imsejkna lsiera, 'il bogħod minn pajjiżhom u mifrudin u mċaħħdin mill-għeżież tagħhom, jien se nipprova ngħaddilkom xi tagħrif interessanti dwar l-iskjavitù f'pajjiżna fiż-żmien il-ħakma tal-Ordni ta' San Ġwann fuqna bejn l-1530 u l-1798.

Nibda biex ngħid li din il-kitba sensiltha fuq ix-xogħol interessanti tal-kittieb Joseph Muscat, li kif tafu tana bosta xogħlijiet sbieħ ma' dak kollu li għandu x'jaqsam mal-baħar fiż-żmien l-Ordni f'Malta. Fil-fatt kienet proprju sensiela ta' 13-il programm dwar dan is-suġġett li jien u Joseph Muscat irrekordjana għar-Radju Kottoner snin ilu (2005), li lili ħajritni li nislet xi tagħrif minnha u ndommu flimkien f'kitba biex wara ngħaddiha lill-qarrejja tagħna li fil-kotra tagħhom għandhom għal qalbhom ħafna l-istorja kulturali u soċjali ta' pajjiżna.

Sintendi hawnhekk ma nixtieqx ninsa lill-mibki Professur Wettinger – il-Professur tal-Istorja fl-Università ta' Malta, u hawnhekk nixtieq nieħu l-okkażjoni li nuri l-apprezzament tiegħi kemm għall-pubblikazzjoni tax-xogħol monumentali tiegħu "Slavery in Malta" – xogħol mill-isbaħ u għejjun ta' tagħrif dokumentat dwar il-ħajja tal-ilsiera f'Malta, kif ukoll għas-sensiela dwar l-istess suġġett li hu xandar flimkien mal-ħabib tiegħi Charles Abela Mizzi (illum mejjet ukoll) fuq il-PBS snin ilu.

Din kienet sensiela interessanti ħafna, fejn għall-ewwel darba fuq ir-radju smajt daqshekk tagħrif konkret u profond dwar l-ilsiera tul il-ħakma tal-Ordni fuq il-gżejjer Maltin.

Sa fejn naf jien, u hawn dejjem suġġett għall-korrezzjoni, id-differenza bejn iż-żewġ xogħlijiet li jittrattaw l-istess suġġett (l-ilsiera fiż-żmien l-Ordni) hi, li waqt li l-istudju tal-Professur Wettinger jittratta dwar il-ħajja soċjali tal-ilsiera f'pajjiżna, ir-riċerka ta' Joseph Muscat hi dwar l-ilsiera fuq il-Galeri tal-Ordni.

L-istorja tgħallimna li l-iskjavitù ilu jeżisti fostna taħt diversi forom mindu nħoloq il-bniedem. Ħafna jsostnu li kull fejn kien hemm il-faqar daħal l-iskjavitù taħt xi forma, u sintendi fejn kien hemm dan it-tip ta' jasar kien hemm it-telf ta' dinjitá, it-tbatija u l-miżerja umana. Issib min jirraġuna, li dan it-tip ta' skjavitù, għalkemm kien ibaxxi d-dinjità tal-bniedem għax kien iċaħħdu mid-drittijiet tiegħu u jġiegħluh kontra l-volontá tiegħu jbaxxi rasu għar-rieda u l-amar ta' bniedem ieħor.

B'danakollu, din il-forma ta' jasar wieħed ma jistax jipparagunaha ma' forom oħra aktar kefrin, fejn, mijiet ta' żgħażagħ u rġiel kienu jitfugħhom fuq il-moqdief għall-għomorhom. Dawn l-ilsiera, għall-familjari tagħhom kienu mgħoddijin bħala mejtin! U għal mijiet ta' snin ta' gwerer imdemmija bejn l-Insara u l-Misilmin, il-jasar sar theddida tal-biża' għal ħajjet kull persuna li sfortunatament kienet tinqabad priġuniera minnhom, u ta' biża' akbar għal min ikun qed jivvjaġġa fuq imriekeb minn port għall-ieħor. U f'dan ix-xenarju ta' gwerer u taqbid imdemmi kkawżati mill-fanatiżmu qawwi reliġjuż bejn l-imperu Tork li l-ħakma Misilma tiegħu kienet testendi sal-pajjiżi kollha tal-Afrika ta' Fuq, u l-pajjiżi Nsara mifruxin madwar l-Ewropa kollha, partikolarment dawk li l-kosta tagħhom tinħasel bl-ilmijiet tal-baħar Mediterran fosthom Malta, jien se nipprova ndaħħalkom fl-istorja, u finalment mhux biss wasslet biex f'Malta jinġiebu eluf ta' lsiera, iżda naraw il-qagħda ħażina tagħhom fi żmien l-Ordni f'Malta.

F'dan il-baħar magħluq bejn iż-żewġ kontinenti li storikament iħaddnu twemmin differenti minn xulxin, u li għal sekli sħaħ fl-istorja tagħhom qatt ma eżistiet tolleranza reliġjuża bejniethom, seħħew battalji kbar fuq l-art u l-baħar, u l-priġunieri li kienu jinqabdu fihom kienu jittieħdu lsiera. Għalhekk waqt li nsibu, li fiż-żmien l-Ordni f'Malta, f'bosta pajjiżi Ewropej fosthom fl-Italja, Franza, Spanja u f'Malta kienu jgħixu eluf ta' lsiera Misilmin, min-naħa l-oħra, fit-Turkija u fil-pajjiżi tal-Afrika ta' Fuq, magħrufa bħala tal-Barberija kienu jgħixu eluf kbar oħra ta' lsiera Nsara.

*Tkompli f'ħarġa oħra*